# IX-XIRKA TA' L-ISEM QADDIS T'ALLA F'BIRKIRKARA TAGĦLAQ 70 SENA

**Minn Paul Joseph Galea**

Ix-Xirka ta' l-Isem Qaddis t'Alla twaqqfet f'Birkirkara nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 1931, bl-inizjattiva tal-filantropu Vinċenz Galea (1894-1974) u fi żmien il-Prepostu Karmelu Bonnici. F'dik il-ġurnata tat-twaqqif tagħha kien ippriedka Patri Paris O.P., id-Direttur Ġenerali, u ħeġġeġ lill-poplu biex jinkiteb f'din l-għaqda. Il-funzjoni kienet għall-irġiel biss; f'dik il-lejla stess inkitbu madwar 450 raġel. L-għan ta' din ix-Xirka hu, qabel kollox, il-qima 'l Alla, lill-Isem Qaddis Tiegħu, tiddefendi l-eżistenza t'Alla u d-divinità ta' Kristu, u li tpatti għad-dagħa. Bħala Direttur lokali ta' din il-Għaqda ġie magħżul il-Kanonku (imbagħad Dekan) Dun Karm Bezzina.

Ix-Xirka f'Birkirkara dehret għall-ewwel darba fil-pubbliku l-Ħadd, 14 ta' Ġunju 1931, fl-okkażjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Filgħodu għamlet pellegrinaġġ u adorazzjoni kontinwa; wara nofs in-nhar ħadet sehem fil-purċissjoni.

Sadattant, bit-tħabrik ta' Vinċenz Galea, ix-Xirka f'Birkirkara baqgħet sejra tajjeb ferm. Għalissa kienu qegħdin jinkitbu l-irġiel biss li diġà waslu fuq il-500. Għalhekk fil-"Militia Christi" tat-28 ta' Ġunju 1931 (p.286),



**4 ta' Ġunju 1933: Il-Ħames Kungress Ġenerali tax-Xirka ta' l-Isem Qaddis t'Alla li sar f'Birkirkara. L-awtoritajiet li ħadu sehem fil-Kungress jidhru fil-gallarija ta' l-Iskola tal-Gvern fi Triq Brared.**



**4 ta' Ġunju 1933: Il-Ħames Kungress Ġenerali tax-Xirka ta' l-Isem Qaddis t'Alla. Hawnhekk il-korteo jidher għaddej minn Triq il-Wied, Birkirkara.**

insibu: "Nifirħu wkoll lill-Uffiċċjal Vinċ. Galea għall-ħidma tiegħu fix-Xirka."

Għal ħafna snin Vinċenz Galea kien ir-ruħ ta' din l-għaqda f'Birkirkara, u fil-bidu nett kien jikteb lill-imseħbin ġodda fil-knisja parrokkjali ta' Sant'Elena.

## L-EWWEL KUMITAT

Fil-11 ta' Ottubru 1932, l-Uffiċċjali tax-Xirka, Vinċenz Galea, Ġużeppi Gauci (fl-1945 l-ewwel president tal-fergħa tal-irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika f'Birkirkara), Vinċenz Sammut (imbagħad kaxxier tal-kumitat) u Ugo Paolo Tortell, taħt id-direzzjoni tad-direttur spiritwali, il-Kanonku Dun Karm Bezzina, iltaqgħu għall-ewwel darba fid-dar numru 69 Strada San Rokku, Birkirkara, biex, skond ir-regoli tax-Xirka u x-xewqa tad-Direttur Ġenerali, Patri Ġerardu M. Paris O.P., jiffurmaw l-ewwel kumitat permanenti.

Hawnhekk Vinċenz Galea ippropona li jiġi elett bħala segretarju lil Ugo Paolo Tortell. Wara li din il-proposta ġiet approvata, is-Sur Tortell ippropona li jiġi elett bħala president lil Vinċenz Galea, għaliex skond ir-regoli tax-Xirka il-president kellu dejjem ikun il-prim uffiċjal tad-diviżjoni.

Bħala żelatriċi għan-nisa ġew magħżula s-sinjorini Marija Konċetta Laferla, Dolores Francalanza u Ġovanna Debono.[1]

**KONFERENZIERA MAGĦRUFA**

F'Lulju 1936, Vinċenz Galea ħa dar (dak iż-żmien bla numru, u wara nru. 4) fi Triq Brared biex tkun bħala ċentru għall-irġiel tax-Xirka f'Birkirkara, ħalli ilaqqagħhom u jgħallimhom, għax deherlu li hemm bżonn li x-Xirka jkollha post tagħha fejn ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat tal-kumitat u jsiru xi konferenzi u ħwejjeġ oħra, u mhux is-sede tkun biss fis-Santwarju "Tal-Ħerba", fis-sagristija. Vinċenz kien iħallas il-kera hu minn butu, li kienet ta' £3.5s (Lm3.25c) kull tliet xhur. Dan iċ-ċentru semmieh "*Circolo Sacro Cuore di Gesù*" jew "*Domus Cordis Jesù*". Dan iċ-ċirkolu nfetaħ bil-permess tal-pulizija u l-bini kien proprjetà ta' Ġużeppi Borg, "iż-Żundajru" (miet fl-1952), li kien joqgħod fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara.

F' Marzu 1939, iċ-ċirkolu ġie trasferit għal dar ikbar ħafna f'numru 2, Pjazza Sant'Elena, li sa Diċembru 1937 kienet saret iċ-ċirkolu "San Ġwakkin" ta' l-Azzjoni Kattolika tal-irġiel fid-distrett. Is-sid ta' din id-dar kien Karmenu Fenech Cefai ta' Triq il-Wied, Birkirkara.



**Vinċenz Galea ħdejn il-Prepostu ta' Birkirkara, il-Kanonku Karmelu Bonnici, waqt pellegrinaġġ kbir ta' 500 ruħ mis-Santwarju "Tal-Ħerba" (Birkirkara) għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li sar mix-Xirka lokali nhar il-11 ta' Novembru 1934.**

1. Minuti tal-Laqgħa Nru. 1 tal-Kumitat tax-Xirka ta' L-Isem Qaddis t'Alla, Birkirkara, 11 ta' Ottubru 1932, ff.1, 2.

Biex jitkellmu fiċ-ċirkolu li fetaħ, Vinċenz Galea kien jistieden konferenziera mill-aħjar, bħalma kienu l-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien Monsinjur Paolo Galea, il-Patri Majjistru Adeodatu M. Schembri O.E.S.A., Monsinjur Professur (imbagħad Isqof Awżiljarju) Emmanuel Galea, il-Patri Majjistru Ġerardu M. Paris O.P., Monsinjur Professur Karmelu Bonnici, Dun (imbagħad Monsinjur), Mikiel Azzopardi, Patri Publiju M. (wara Dun Alwiġ) Micallef, O.E.S.A., Patri Wistin Born O.P., u l-Kanonku Professur Dun Ġwann Theuma Relf ta' l-Isla.

Matul l-ewwel perijodu li dam president tax-Xirka f'Birkirkara, minbarra li kien prim uffiċċjal minn Marzu 1932 sal-bidu ta' Frar 1946, Vinċenz Galea għamilha wkoll għal bosta drabi ta' aġent segretarju, kaxxier jew għen lill-kaxxier, kif ukoll ta' pro-direttur spiritwali lokali għal tliet snin u l-ewwel rappreżentant tax-Xirka lokali fil-kunsill parrokkjali li kien għadu kif twaqqaf.

U dan sakemm fil-laqgħa tal-kumitat il-ġdid li saret fl-20 ta' Jannar 1946, Vinżenz Galea ta r-riżenja tiegħu minn prim uffiċjal u fl-istess ħin radd ħajr lill-awtoritajiet tal-ħatra onorabbli ta' kummissarju tax-Xirka li għoġobhom jagħtuh[2].

---

1. Minuti tal-Laqgħa Nru. 1 tal-Kumitat tax-Xirka ta' L-Isem Imqaddes t'Alla, Birkirkara, 20 ta' Jannar 1946, fol. 2.


# *Scerri's Furniture Ltd.*

**FURNITURE MAKERS**
**14/15, Naxxar Road, Birkirkara**
**Tel: 445963**

**MANUFACTURERS OF:**

• Dining Rooms • Spare Bedrooms •
• Main Bedrooms • Wall Units • Bureaux •
• Salotti Stil Taljan •

**Scerri's Furniture**
**It Pays to Know Us**
**(Naċċettaw xogħol fuq l-ordni)**